MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 431/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Joseph Aquilina u Jolanda Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-2 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 28 ta' Mejju 1996, in atti Nutar Dottor Marco Burlo (Dok. A), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil konvenuti;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph Aquilina u Jolanda Galea fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€27,568.45) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-konvenuti, mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B8)

flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta’ Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti,
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Joseph Aquilina u Jolanda Galea gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 3 ta’ Settembru 2010 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Joseph Aquilina u Jolanda Galea jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "*in solidum*" bejniethom is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€27,568.45) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-konvenuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B8) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Joseph Aquilina lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datata 3 ta' Settembru 2010 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarjament, il-konvenuta Jolanda Galea ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju immedjatament stante illi d-djun kollha ezistenti fil-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti gew assunti esklussivament mill-konvenut Joseph Aquilina kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn l-istess konvenuti (kopja informali annessa u immarkata "Dok. JA 1";

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fil-merru, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont pretiz huwa inkorrett, zbaljat, eccessiv u jinkludi imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, irid jigi pruvat li effettivament gew avvanzati s-somom pretizi mis-socjeta' attrici, u jrid isir ezercizzju ta' ezami tal-kont prezentat;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenuti jew min minhom ghamlu diversi pagamenti sostanzjali lis-socjeta' attrici akkont tal-mutwu de quo, liema pagamenti ma gewx attribwiti lill-mutwu de quo, bi ksur palezi tal-artikolu 1171(c), (d) u (f) tal-Kap.16;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permess mill-Ligi;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012 fejn meta issehjet il-kawza deher biss Dr. Dominic Cassar ghall-bank attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2012;

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda ta' Ronald Dalli, rapprezentant tal-bank attur li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mill-bank attur cioe €27,568.45 ghadu kollu dovut sallum.

Il-konvenuti eccipew illi t-talbiet attrici ma jistghux jirnexxu kontra l-konvenuta Jolanda Galea peress illi bejnha u zewgha gie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni fejn il-konvenut Joseph Aquilina ddikjara li qed jassumi d-djun kollha mal-bank attur (ara kuntratt ta' separazzjoni artikolu 3C a fol 39 tal-process).

Il-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni ma tissollevax lill-konvenuti billi l-ftehim ta' separazzjoni raggunt minnhom sehh wara li huma solidament dahlu ghad debitu mal Bank of Valletta u kull arrangament li jista' jkun hemm bejn id-debituri ma jistax ikun ta' xkiel jew detriment ghal kreditur li fil-konfront tieghu, il-jeddijiet tieghu jibqghu mhux mittiefsa sakemm ma tigix pruvata rinunzja da parti tal-bank attur li f'dan il-kaz ma tirrizultax.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet ta' hlasijiet akkont, kreditu eccessiv, zbaljat jew inkorrett, imghaxijiet kalkolati hazin, dawn kienu elementi li riedu jigu pruvati mill-konvenuti mhux allegati biss u l-konvenuti ma gabu ebda provi a rigward.

Il-prova tal-kreditu tirrizulta mid-dokumenti pprezentati mill-bank attur li mhux kontradetti.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti qed jigu respinti.

**Decide**

Il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u dokumenti kollha, qed tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti Joseph Aquilina u Jolanda Galea in solidum bejniethom ihallsu lil bank attur is-somma sebgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€27,568.45), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------